MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 149/2006/1

**Maria Edwina Spiteri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fortunata Mallia**

**v.**

**John Christopher Martin u Mary Grace Martin li giet kjamata fir-rikors b'digriet tad-19 ta' Lulju 2006**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu jesponu:

> “1. Illi b’kuntratt pubbliku datat tmienja (8) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija tnejn u disghin (1992) fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia [Dok. A] l-attrici ttrasferiet lill-konvenut b’titolu ta’ enfitewsi temporanju l-fond numru mija erbgha u tletin (134), Bastions Street, Senglea, versu cens annwu u temporanju ta’ tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm88.00c) pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem;
>
> “2. Illi l-konvenut huwa moruz fil-hlas tac-cens ta’ erba’ snin, ossija ghas-snin 2003, 2004, 2005 u 2006, fl-ammont komplessiv ta’ tlett mija, tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm352.00c);
>
> “3. Illi l-konvenut minkejja li debitament interpellat sabiex jersaq ghall-hlas tac-cens baqa’ inadempjenti;
>
> “Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-Ligi:
>
>> “1. Tiddikjara li l-konvenut huwa moruz fil-pagament tac-cens dovut ghas-snin 2003, 2004, 2005 u 2006 u inadempjenti fl-obbligazzjonijiet kontrattwali minnu assunti;
>>
>> “2. Tiddikjara xolta l-koncessjoni enfitewtika tal-fond 134, Bastions Street, Senglea;
>>
>> “3. Tiffissa terminu qasir u perentoju li fih il-konvenut ghandu jigi kkundannat jizgombra mill-fond 134, Bastions Street, Senglea;

"4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' Lm352.00c kif fuq spjegat;

"5. F'kaz illi l-konvenuti ma jersqux ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' cens, din il-Qorti tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-konvenuti, filwaqt illi tinnomina nutar biex jippubblika l-att relattiv ta' rexissjoni (zieda awtorizzata b'digriet tad-19 ta' Lulju, 2006);

"U dan taht kull provvediment iehor illi jidhrilha opportun li timponi din il-Qorti.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-intimati illi esponew:

"1. Illi preliminarjament, il-gudizzju mhux integru stante li ma gietx inkluza l-mara ta' John Christopher Martin fir-rikors guramentat promotur;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma saritx interpellazzjoni skond il-ligi da parti tar-rikorrenti *nomine* ghall-hlas tac-cens;

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat offra l-hlas tac-cens dovut izda dan gie rifjutat minghajr raguni mir-rikorrent *nomine*;

"4. Illi fi kwalunkwe kaz din il-Qorti ghandha tapplika d-dispozizzjoni tal-ligi *inter alia* dak stabbilit mill-artikolu 1519 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal ragunijiet serji kif jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tikkoncedi l-purgazzjoni tal-mora.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *nomine* li giet ingunta in subizzjoni."

Rat il-verbali tal-kawza fosthom id-deposizzjonijiet u affidavits;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-21 ta' Gunju 2011 li permezz taghha ddikjarat lill-intimati moruzi fil-hlas tac-cens mill-2003 'il quddiem izda ma ddikjaratx il-koncessjoni enfitewtika xolta; iffissat terminu ta' xahrejn biex isir il-hlas tac-cens mill-2003 sal-2006 u l-intimati ghandhom jizbankaw id-depositu u jhallsu l-ammont intier ta' tmient elef u dsatax-il Euro u erbgha u disghin centezmi (€819.94) lir-rikorrenti u cahdet it-talba ghall-izgombrament; cahdet il-hames talba u ordnat lill-intimati jhallsu l-ispejjez tal-kawza;

Rat ir-rikors tal-attrici tal-appell li permezz tieghu filwaqt li talbet il-konferma tas-sentenza inkwantu gie ddikjarat li l-intimati kienu moruzi fil-hlas tac-cens ghal tliet snin u li kellhom ihallsu l-ammont relattiv, talbet lil din il-Qorti biex tilqa' t-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati li permezz taghha ssottometta illi l-appell kellu jigi michud u s-sentenza konfermata;

Illi l-istess appellati ppproponew appell incidentali fejn talbu tibdil fil-parti tas-sentenza relattiva ghal kap tal-ispejjez u talbu li dawn jigu akkollati lill-attrici jew alternattivament li kull parti thallas l-ispejjez taghha;

Rat ir-risposta tal-appellanti fejn talbet li dan l-appell incidentali jigi michud;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

"***D1. Fatti fil-qosor:***

"L-attrici tat lill-konvenuti b'cens il-fond in kwistjoni bin-numru 134, Triq is-Sur, Isla. Il-kuntratt tac-cens kie gie pubblikat min-Nutar Marco Farrugia u l-kopja giet esebita fil-process bhala Dok. A datat 8 ta' Lulju, 1992. L-ammont ta' cens kien ta' Lm88 fis-sena. Ir-rikorrenti sostniet ukoll li l-intimati kellhom jaghtuha Lm2000 f'kera addizzjonali li jithallsu ftit ftit u dan proprju ghaliex riedet tikri l-post mhux bit-Lm88 fis-sena izda b'Lm120 fis-sena. L-intimati ma riedux jghollu l-ammont tac-cens u ghalhekk skond ir-rikorrenti ftehmu li jaghtuha Lm100 kull tliet xhur u huma kienu accettaw dan. Ir-rikorrenti qalet li meta l-intimati ma kienux f'pozizzjoni iktar li jhallssuha l-kera (kollha) kienu bdew jaghtuha Lm17.50 fix-xahar u dan b'total ta' Lm176 li jammontaw ghal sentejn kera. Stqarret li l-intimat hallasha tac-cens sa Jannar 2003.

"***D2. Kap 16 Art 1517:***

"L-artikolu 1517 jghid hekk:

""Il-padrun dirett ikun jista' jitlob li jholl l-enfitewsi u li jintradd lilu l-fond bil-miljoramenti jekk ic-censwalist ikollu jaghti bhala cens somma daqs kemm igibu cnus ta' tliet snin."

"Ir-rikorrenti ssostni li mill-fatti tal-kaz jirrizulta car li mill-2003 sa l-2005 il-konvenut Martin naqas milli jhallas ic-cens dovut lir-rikorrenti kif ukoll dik is-somma ta' Lm100 kull tliet xhur bhala kumpens ghas-somma addizzjonjali ta' Lm2000.

"L-intimat stess fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2009 ammetta s-segwenti:

> ""Nghid li meta fethet din il-kawza, Maria Edwina Spiteri qalet li jien kelli naghtiha kera ta' tliet snin u nofs mentri dak mhux minnu. Jien kelli naghtiha ta' tliet snin."

"Kif tghid ir-rikorrenti fin-nota:

> ""M'huwiex minnu l-attrici rrifjutat li tithallas ghac-cens ghall-perjodu bejn l-2003 u l-2005 - anzi matul dak iz-zmien kienet hi li kienet tigri wara l-konvenut biex ihallasha. Kien biss wara li ghaddew dawk it-tliet snin li l-konvenut imbaghad prova jerga' jibda' jhallas ic-cens mill-2007 'l quddiem, meta kien tard wisq. Dak li jghid il-konvenut John Martin fix-xhieda tieghu moghtija fl-14 ta' Marzu 2008, dwar il-fatt li l-attrici rrifjutat il-hlas offert minnu jirreferi ghal meta hija kienet fethet il-kawza. Wara kollox, kif diga' spjegat, il-konvenut qatt ma ddepozita ebda cedola bejn is-sena 2003 u 2005 …"

"L-intimati jilqghu ghal dan billi jsostnu li ma tirrizultax li saret interpellazzjoni gudizzjarja tar-rikorrenti *nomine* ghall-hlas tac-cens. Ir-rikorrenti, min-naha l-ohra, sostniet li baghtet diversi ittri bonarji. Inoltre ma jirrizultax li l-artiklu 1517 tal-Kap. 16 jirrikjedi li l-konvenut jigi interpellat meta huwa jkun moruz fil-hlas ta' cens ghal zmien ekwivalenti ghal tliet snin. Dak li huwa rikjest bhala kundizzjoni *sine qua non* ghall-applikazzjoni ta' l-artiklu 1517 huwa li jkun hemm morozita` ta' hlas ta' tliet snin. Ir-rikorrenti sostniet li fil-kaz odjern jirrizulta car li tali morozita` giet ikkonfermata sahansitra mill-intimat stess u ghaldaqstant ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-applikabilita` ta' dak l-artiklu.

"Fil-kawza fl-ismijiet **Nicola Bonello vs Angelo Zahra *et***, deciza minn din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Ray Pace fl-4 ta' Novembru 1999 intqal:

> ""Jekk ic-censwalist ikollu jaghti bhala cens somma daqs kemm igibu c-cnus ta' tliet snin, il-padrun dirett ikun jista' jitlob li jholl l-enfitewsi u li jintradd lura lilu l-fond bil-miljoramenti.  Il-Qorti tista' taghti lill-konvenut zmien moderat ghall-hlas tac-cnus maghluqa u dan jekk il-Qorti tkun konvinta li jkun hemm raguni valida ghal dan it-terminu."

"Mill-provi irrizulta car li ghall-ewwel l-intimati kienu jhallsu l-ammont ta' cens dovut izda l-pagament ma sarx ghal tliet snin mill-2003.  In segwitu, irrizulta car li l-intimati offrew ic-cens izda dan gie rifjutat u in segwitu depozitat.  Dan iwassal li l-Qorti jkollha tuza d-diskrezzjoni taghha ghall-applikazzjoni *o meno* ta' l-artikolu 1519.

***"<u>D3.  Kap 16 Art 1519:</u>***

"L-artiklu 1519 jghid hekk:

> ""Fil-kazijiet imsemmija fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, il-padrun dirett jista' fl-istess waqt jitlob il-hall ta' l-enfitewsi u l-hlas tac-cnus maghluqa.
>
> "(2) Izda l-qorti tista', f'kull wiehed minn dawn il-kazijiet, taghti lill-konvenut zmien moderat, skond ic-cirkostanzi, ghall-hlas tac-cnus maghluqa, jew ghat-tiswijiet mehtiega, u dak iz-zmien jista', ghal raguni tajba, jigi mtawwal ghal zmien moderat iehor…"

"Din hi komunament maghrufa bhala l-purgazzjoni tal-mora.

"Irrizultaw ragunijiet serji li wasslu ghan-nuqqas ta' hlas u cioe` li l-intimat kellu dejn kbir tan-negozju; kellu erbat itfal; kien jinsab fuq il-beneficcji socjali u kien anki rikoverat l-isptar Monte Carmeli.  L-intimat xehed li l-Arcipriet ta' l-Isla kien silfu somma biex seta' jhallas lir-rikorrenti u ammont iehor gie misluf lilu mis-*social worker* Norbert Cutajar.  Jinghad li l-intimat iddepozita l-ammonti dovuti permezz ta' cedoli, izda l-ewwel depozitu sar fis-16 ta' Gunju, 2006 referibbli ghall-15 ta' Jannar 2003 sa Jannar 2007.

"Ikkunsidrat illi fil-kuntratt bejn il-partijiet ma hemm ebda kundizzjoni specifika dwar il-morozita` tac-cens, anzi fl-artikolu 6 il-partjiet irrimettew ruhhom ghal-ligi

dwar dak li ma kienx imsemmi. Issa meta l-patt ikun espressament stabbilit, il-Qorti ma tistax tuza l-fakulta` li takkorda lid-debitur zmien ragjonevoli ghall-*purgazione della mora* (ara **Cuschieri vs Muscat**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Novembru, 1957, u **Aquilina vs Abela**, deciza 27 ta' Marzu, 1952). Infatti fl-ahhar kawza nghad:

> ""Meta r-rizoluzzjoni ta' l-enfitewsi hija espressament konvenuta ghan-nuqqas tal-hlas tac-cens, u jirrizulta` li l-enfitewta naqas milli jhallas dak ic-cens ghaz-zmien indikat fil-konvenzjoni, u r-raguni li jallega ghal dan in-nuqqas tkun inaccettabli, ma hemmx lok ghall-purgazzjoni della mora favur il-enfitewta".

"Ara wkoll **Albert Mizzi *nomine* vs Alex Vella *nomine***, deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-23 ta' Mejju, 2005.

"Issa fil-kaz in ezami, ghalhekk il-Qorti ssib li hija gustifikata li takkorda zmien ghall-hlas tac-cens, aktar u aktar in vista tal-fatt li barra milli l-intimati kienu ghaddejin minn zmenijiet difficli, fl-2006 ippruvaw jirrimedjaw ghal dan il-fattur. Ukoll, indebitament kienu hallsu flus zejda meta barra l-ammont ta' cens kienu qed ihallsu somom ohra pretizi mir-rikorrenti.

**"*<u>D4. L-ammont ta' Lm2,000:</u>***

"L-intimat fin-nota tieghu sostna li:

> ""Illi fir-rigward tas-somma ta' Lm2,000 li semmiet mir-rikorrenti, din m'ghandha ebda rilevanza ghall-kawza in ezami u fil-fatt anki n-Nutar Marco Farrugia fix-xhieda tieghu jistqarr li: "…Li nghid li jiena naf ma ghamiltx skrittura apparti fir-rigward ta' dan ic-cens…"

"Il-Qorti tosserva wkoll li s-sistema ta' l-Lm2,000 hlas kienet sistema li biha kien ser jigi evitat hlas ta' boll u li l-Qorti certament ma tistax tkun parti fiha. Diversi drabi kien hemm sentenzi fejn tali kundizzjonijiet ma gewx sostnuti mill-Qrati. Dan gie rikonoxxut mill-istess rikorrenti li astutament fit-talbiet taghha ma nkludietx it-talba ghall-bilanc dovut fuq l-Lm2,000."

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell billi rrimettew ruhhom ghall-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

**Aggravji tal-Attrici**

L-appellanti ressqet zewg aggravji ghalkemm hi kklarifikathom fi tlieta.

**L-ewwel u t-tielet aggravju** jirrigwardja l-fatt li l-ewwel Qorti kkoncediet l-fakolta` ta’ ’l hekk imsejjha purgazzjoni tal-mora; l-appellanti ssostni li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz hija kellha tiddikjara x-xoljiment tal-enfitewsi u allura konsegwentement tilqa’ t-talbiet kollha taghha fosthom dik li tordna l-izgombrament.

L-attrici talbet – kif setghet taghmel - kemm il-hlas u kemm ix-xoljiment a bazi tal-morozita` tal-hlas. Gie infatti ritenut illi *“Dawn it-talbiet fl-istess kawza huma hekk konsentiti li jigu proposti bis-sahha tal-Artikolu 1519 (1) tal-Kodici Civili. Kif ritenut a propositu fid-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tal-25 ta’ Novembru 1955 fl-ismijiet* ***Giuseppe Mifsud v. Emanuele Dingli,*** *filwaqt li jitlob id-devoluzzjoni tal-fond, il-padrun dirett jista’ jitlob ukoll il-hlas tac-cnus*

*maghluqa."* (**Paul Borg et v. John Abela et** deciza mill-Prim'Awla fit-28 ta' Marzu 2003.) Din hija fuq kollox ripetizzjoni ta' dak li jghid l-Artikolu 1519 (1) tal-Kodici Civili gia` msemmi, u cioe` illi *"Fil-kazijiet imsemmija fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, il-padrun dirett jista fl-istess waqt jitlob jitlob il-hall tal-enfitewsi u l-hlas tac-cnus maghluqa."* Is-subartikolu (2) imbaghad jghid illi *"Izda l-Qorti tista' f'kull wiehed minn dawn il-kazijiet taghti zmien moderat skond ic-cirkostanzi, ghal hlas tac-cnus maghluqa..."*

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **C Stivala Limited v. Saverio Cassar** (4 ta' Lulju 2001), il-Qorti, kif jixhed l-artiklu msemmi ghandha certa diskrezzjoni fejn jirrigwardja l-ghoti ta' dan il-beneficcju lil min ikun naqas li jhallas ic-cens ghal tliet snin jew aktar. Skont din is-sentenza appena citata, dan anke jekk il-partijiet jiftehmu li jkun hemm rexxisjoni immedjata f'kaz ta' morozita` – ghalkemm f'dan ir-rigward wiehed isib sentenzi li jghidu mod iehor. Ma tistax tikkoncediha pero` jekk id-dejn ikun ta' natura kummercjali (ara per ezempju s-sentenza fl-ismijiet **Aquilina v. Sammut**, Prim'Awla 27 ta' Marzu 1958).

Fil-kaz in ezami, ma sar ebda ftehim kif issemma (anzi fil-klawsola numru 6 tal-kuntratt, il-partijiet irrimettew ruhhom ghal-ligi relattiva) u lanqas ma d-dejn huwa kummercjali . L-appellati infatti akkwistaw l-*utile dominium* biex jghixu fil-fond. Ma hemmx lanqas kwistjoni li l-appellati naqsu li jhallsu tliet snin cens

bejn l-2003 u 2006. Huma pero` ddepozitaw l-ammont dovut (fl-2006) kif jidher mis-sentenza appellata.

Il-Qorti hi tal-fehma illi fic-cirkostanzi ta' din il-kawza ghandha taqbel mal-gudizzju tal-ewwel Qorti meta tat lill-konvenuti l-opportunita` li jhallsu l-ammont dovut minnhom. L-istess depositu tal-kanone (sija pure bl-ispejjez tad-depozitu mnaqqsa) sar fis-16 ta' Gunju 2006 ossija ftit xhur wara li bdiet il-kawza u jekk xejn jindika r-rieda tal-appellati li jhallsu dak dovut. Fis-sentenza gia` citata **C Stivala Limited v. S Cassar** deciza fl-4 ta' Lulju 2001, il-Qorti qalet illi *"ladarba pero` l-hlas sar ... fil-mori tal-kawza ghal darba darbtejn u bla ebda raguni ma giex accettat mis-socjeta` attrici mela allura din il-Qorti thoss li s-socjeta` attrici ghandha tirtira l-istess ammonti depozitati mertu tal-kawza odjerna."*

L-ewwel Qorti wkoll korrettement ordnat il-hlas intier tac-cens fiz-zmien li akkordat hi u awtorizzat lill-appellati jizbankaw id-depositu li ghamlu u dan ghaliex ghalkemm *"depositu gudizzjarju validament maghmul jiswa daqs pagament"* **Remigio Camilleri v. Joseph Caruana Soler et** deciza mill-Prim'Awla fis-27 ta' April 1965) huwa importanti wkoll li d-depositu jsir **kif suppost** u dwar dan, din il-Qorti tirreferi ghall-istess kawza appena citata. Fil-fatt din is-sentenza ddiskutiet b'mod tassew erudit kif kellu jsir id-depositu gudizzjarju biex issehh il-purgazzjoni tal-mora f'kaz li d-direttarju jibqa' ma jaccettax il-hlas.

Apparti dan jidher ukoll mill-atti tal-kawza li l-appellati kellhom problemi ta' sahha u diffikultajiet finanzjarji reali li wasslu lill-ewwel Qorti ghal konvinciment li kien jisthoqqilhom opportunita` ohra biex jadempjixxu l-obbligazzjonijiet taghhom.

**It-tieni aggravju**

L-appellanti tilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ma ordnatx lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn lira li skont hi kienet miftehma illi tithallas. Frankament il-Qorti ma tifhimx kif hija kienet qed tistenna dan mill-ewwel Qorti jew li din il-Qorti tilqa' dan l-aggravju. Infatti ma tirrizulta li saret ebda talba simili fir-rikors promotorju u allura la l-ewwel Qorti ma setghet tordna dan il-hlas u lanqas din il-Qorti ma tista' tiehu konjizzjoni ta' tali talba. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha moghtija fl-24 ta' Novembru 1958 fl-ismijiet **Alice Amato v. Vivian De Gray nomine**, *"il-Qorti ghandha toqghod ghat-terminu tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni u t-termini uzati f'atti gudizzjarji formali ...; xort' ohra l-konsegwenzi jkunu kaotici."*

Din l-obbligazzjoni pretiza mill-appellanti infatti ma tirrizultax mill-kuntratt u kif qalet l-ewwel Qorti jidher li kienet eskogitata bhala *"sistema li biha kien se jigi*

*evitat hlas ta' boll"*. Bhala tali allura *multo magis* ghamlet sew l-ewwel Qorti li naqset li tiehu konjizzjoni taghha. Dan l-aggravju allura wkoll huwa michud.

**<u>Appell Incidentali</u>**

L-appellati ppproponew appell incidentali fejn in sostanza qed jilmentaw li ma kellhomx jigu kkundanati jhallsu l-ispejjez tal-kawza *una volta* t-talbiet tal-attrici ma gewx milqugha kollha. Huma qed jilmentaw illi l-Qorti kellha tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez skont l-Artikolu 223 ( 1) tal-Kap. 12 illi jghid li l-Qorti ghandha tikkundanna l-parti telliefa biex thallas l-ispejjez tal-kawza filwaqt li s-sub-inciz (3) jghid li l-Qorti tista' tikkundanna lil kull parti thallas l-ispejjez taghha *"meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra nghatat fuq punt legali izda biss jekk jindahlu xi punti specjali ta' ligi."* Ghalhekk skont l-appellati fl-aghar ipotesi ghalihom il-Qorti kellha tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Artijiet v. Emanuel Aquilina,** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, *"l-ispejjes ma ghandhomx jigu ripartiti semplicement a bazi ta' proporzjon matematiku ghat-talbiet*

*milqugha jew michuda jew in proporzjon ghal xi riduzzjoni tas-somma reklamata."* U l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza **Chetcuti v. Citadel Insurance** (15 ta' Frar 2006)*,* ziedet li *"Ma tezisti ebda norma ta' dritt talment tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix li f'certi kazi l-Qorti adita tippresta l-gudizzju taghha dwar il-kap tal-ispejjez bil-mod kif il-kaz b'konsiderazzjoni maturata jkun hekk koxjenzjozament jiddettalha."*

Din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti ghamlet sew li ordnat lill-konvenuti appellati jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza f'dik l-istanza. Wara kollox kien in-nuqqas taghhom li jhallsu dak dovut minnhom li wassal ghal kawza. Il-fatt li mbaghad l-istess Qorti ma laqghetx it-talbiet kollha attrici ma jfissirx li kellha bil-fors tigi applikata n-norma fuq imsemmija. Il-kwistjoni principali fuq kollox kienet il-morozita` *o meno* tal-konvenuti u dik it-talba rrizultat u l-ewwel Qorti gustament laqghetha. Ghalhekk l-aggravju relattiv huwa respint.

__Decizjoni__

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tichdu u tichad ukoll l-appell incidentali u allura tikkonferma interament s-sentenza appellata kompriz il-kap tal-ispejjez.

L-ispejjez tal-appelli rispettivi ghandhom jithallsu mill-parti li pproponitu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------